Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 22 ta' Jannar 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Versus**

**Floyd Carbonaro**
**(340190M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Floyd Carbonaro**, imwieled Pieta nhar it-3 ta' Gunju 1990 u residenti gewwa 106, Triq l-Ilvant, il-Belt Valletta u detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 340190M.

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Mejju 2022, ghall-habta ta' 01:50hrs gewwa l-istabiliment bl-isem Carmen's Bar, Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta, bhala l-persuna responsabbli :

1. Ippermetta lil Karl Giglio biex jaghmel floku jew bhala rapprezentant tieghu, minghajr il-permess necessarju mahrug mill-Awtorita' Regolatorja. (Reg 21, L.S. 10.09).

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi ir-Regolament 21 tal-L.S. 10.09 tal-Ligijiet ta'Malta jippreskrivi illi:

*Ebda persuna bil-liċenzja ma' tista' timpjega persuna oħra biex tagħmel flokha jew bħala rappreżentanti tagħha mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija.*

Illi ghalkemm Karl Giglio kif ukoll l-imputat ma' xehdux quddiem il-Qorti, mill-affidavit ta' PS549 Reuben Pace jidher car illi Karl Giglio kien qieghed jiehu hsieb il-hanut dakinhar, tant illi kien hu stess li qal lil PS549 li l-l-licenzja kienet fuq Floyd Carbonaro.

Illi il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **'Pulizija vs Christopher Abela'** deciza fl-4 t'Ottubru 2016, mill-Magistrat Dr. Aaron Bugeja fejn f'cirkustanzi simili l-imputazzjoni irriżultat pruvata sodisfaċentement:

*Il-Qorti tqis in bażi għal din l-evidenza diretta kif ukoll dik ċirkostanzjali univokament tipponta lejn il-preżenza ta' Jason Formosa (numru tal-karta tal-identita .....) fil-ħanut de quo mhux bħala waħda każwali jew ta' parruċċan abitwali iżda bħala waħda li hija determinanti għal din l-imputazzjoni inkwantu kien qiegħed jaġixxi ta' substitute mingħajr il-liċenza meħtieġa. Dak li semgħet minn fomm Formosa WPS 167 ma kienetx espressjoni ta' xi ħadd li kien qiegħed fil-ħanut b'mod każwali jew xi parruċċan jixrob fuq xi mejda; ma kienx kliem li wieħed jistenna minn persuna li ma għandhiex xi forma ta' rabta jew interess fil-ġestjoni tal-ħanut de quo bħal xi forma ta' espressjoni ta' nuqqas t'għarfien għal dak li kienet qegħda tistaqsi s-surġent, jew espressjoni ta' disassoċjazzjoni jew ċaħda fir-rigward ta' jekk għandux permess ta' substitute. Iżda s-Surġent 167 semgħet espressjoni li kien hemm xi karti (relatati mal-mistoqsija, naturalment u liema mistoqsija kienet tirrigwarda lilu u mhux lil ħaddieħor) li kien qiegħed jieħu ħsiebhom is-"sid".*

Illi l-Qorti ghalhekk hi konvinta illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Regolament 21 tal-L.S. 10.09 kif ukoll Artikolu 7 u 13 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Floyd Carbonaro hati** ta' l-imputazzjoni migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal **hlas t'ammenda ghas-somma ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€ 58.23).**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**